# 62. Il-Għafja tal-Poeta

Is-sħab tilef il-ħmura,
    il-mewġ tilef l-ilwien,
l-għasafar tilfu l-għanja,
    u diqa kullimkien;
tas-siġar u l-kampnari
    intilfu d-dellijiet,
u kollox qed jinsatar
    tal-Lejl fid-dlamijiet.

Newluli l-fies u l-pala
    ħa nħaffer hawn bil-mod,
mhux qabrek, Xmejxa bajda,
    li qiegħda tnin fil-bogħod,
'mma qabri ser inħaffer:
    ħaddejja tilfu l-lwien,
u fommi tilef l-għanja,
    u serħ ma nsib imkien;

Int għada terġa' tfeġġeġ
    imdehba qalb l-isħab;
jien għada ngħib għal dejjem
    fid-dlam ta' taħt it-trab;
int tmut u terġa' tidher,
    kif jaqbel, kif imiss,
jien darba nieħu l-ħajja,
    nitlifha darba biss!